# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1144/2009

## tas-26 ta' Novembru 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera [it-trasportatur bl-ajru li jopera], u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni tagħrif li huwa rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista Komunitarja. Ġie kkomunikat ukoll tagħrif rilevanti minn pajjiżi terzi. Abbażi ta' dan, il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lit-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati jew b'mod dirett jew, meta dan ma setax isir, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, filwaqt li indikatilhom il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet prinċipali li kellhom jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjoni li tiġi imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità, jew li jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati tathom l-opportunità biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, iressqu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni bil-fomm lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol, kif ukoll lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([3]).

(5) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn xi whud mill-Istati Membri.

(6) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-EASA) u tal-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' għajnuna teknika mwettqin f'pajjiżi li jaffettwahom ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Huwa tgħarraf dwar it-talbiet għal iktar għajnuna teknika u iktar kooperazzjoni sabiex tittejjeb il-ħila amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-ħsieb li jitranġa kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(7) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tgħarraf ukoll dwar l-azzjonijiet ta' nfurzar li wettqu l-EASA u l-Istati Membri sabiex jiżguraw l-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fil-Komunità Ewropea u mħaddmin minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiżi terzi.

(8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu jiġi emendat kif xieraq.

### It-trasportaturi Komunitarji

(9) Wara tagħrif li ħareġ minn spezzjonijiet fuq l-art ("ramp inspections") li twettqu mis-SAFA (il-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin) fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru Komunitarji, kif ukoll minn ċerti spezzjonijiet u verifiki ta' oqsma speċifiċi mwettqin mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri implimentaw ċerti miżuri ta' nfurzar. Huma għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawn il-miżuri: l-awtoritajiet kompetenti tal-Litwanja rrevokaw iċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (l-AOC) tat-trasportatur bl-ajru "FLYLAL Lithuanian Airlines" u dawk ta' Spanja niedew il-proċedura biex iwaqqfu l-AOC tat-trasportatur bl-ajru "Euro Continental" nhar it-30 ta' Ottubru 2009.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

**Albanian Airlines MAK**

(10) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur Albanian Airlines MAK, iċċertifikat fl-Albanija. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza, mill-Ġermanja u mill-Italja, kif ukoll minn stati oħrajn tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (l-ECAC) waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqin bħala parti mill-programm SAFA [1]. Dawn in-nuqqasijiet jikkonċernaw l-iktar inġenji tal-ajru tat-tip MD82.

(11) It-trasportatur Albanian Airlines MAK wieġeb kif xieraq u fil-ħin għat-talba mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza, tal-Ġermanja u tal-Italja dwar l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza.

(12) Madanakollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija (id-DGCA) kkonfermaw li n-nuqqasijiet identifikati fl-ispezzjonijiet tas-SAFA fil-verità wrew nuqqasijiet sistematiċi fl-operat u fis-sistema tal-kwalità tat-trasportatur Albanian Airlines MAK. Id-DGCA wettqu investigazzjoni ddettaljata tal-konformità tat-trasportatur bl-ajru mal-istandards applikabbli tas-sikurezza, u wara ddeċidew li jimponu restrizzjonijiet fuq l-operat tat-trasportatur bl-ajru flimkien ma' tibdiliet strutturali fih. B'mod partikulari, id-DGCA għarrfu lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li l-flotta tnaqqset minn tliet għal żewġ inġenji tal-ajru u li l-inġenju tal-ajru tat-tip MD-82 bir-reġistrazzjoni ZA-ASA ġie rtirat mill-AOC tat-trasportatur Albanian Airlines u tneħħa mir-reġistru fl-1 ta' Ottubru 2009. Barra minn hekk, fit-23 ta' Ottubru, id-DGCA illimitaw l-operat tat-trasportatur bl-ajru għal-livell u għad-destinazzjonijiet li kienu jeżistu f'dik id-data u talbu lit-trasportatur bl-ajru jibdel l-amministraturi tiegħu minnufih u jsaħħaħ is-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità u tas-sikurezza tiegħu.

(13) Fil-11 ta' Novembru, id-DGCA għamlu preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li fihom ikkonfermaw li dawn l-azzjonijiet korrettivi kienu ġew implimentati u li dawn tqiesu li jindirizzaw b'mod effettiv in-nuqqasijiet identifikati fil-qasam tas-sikurezza.

(14) L-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija wrew li huma aġixxew sabiex jiżguraw is-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportatur Albanian Airlines MAK.

(15) L-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija huma mistiedna jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni msemmi fil-premessa (32) tar-Regolament (KE) Nru 787/2007 [2] b'pass iktar mgħaġġel u huma mfakkra fl-impenn tagħhom, imsemmi fil-premessa (33) tal-istess Regolament, li ma joħorġu l-ebda AOC ieħor sa ma jkun implimentat b'mod sodisfaċenti l-programm tal-istrutturar mill-ġdid. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Albanija hija mistiedna tħaffef il-pass tal-bini tal-ħila tad-DGCA, sabiex tiżgura li s-sorveljanza kontinwa tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Albanija titwettaq b'mod sostenibbli u f'konformità mal-istandards applikabbli tas-sikurezza.

(16) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni se twettaq spezzjoni dwar l-istandardizzazzjoni fl-Albanija fil-bidu tal-2010 sabiex timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli tas-sikurezza min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti u min-naħa ta' dawk l-impriżi li jaqgħu taħt is-sorveljanza tagħhom.

**Egypt Air**

(17) Skont ir-Regolament (KE) Nru 619/2009 [3] u wara l-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva f'Ġunju 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu ressqu erba' rapporti ta' kull xahar li jkopru x-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru 2009 biex juru l-istat tal-implimentazzjoni tal-pjan kif ivverifikat minnhom. B'referenza għal dawn ir-rapporti li ffukaw fuq l-ispezzjonijiet fuq l-art tal-inġenji tal-ajru tat-trasportatur Egypt Air, l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu ntalbu jipprovdu r-rapporti tal-verifiki dwar il-manutenzjoni, l-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-operat waqt it-titjira li huma wettqu fuq it-trasportatur bl-ajru. Fl-10 ta' Novembru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu bagħtu r-rapport tal-ispezzjoni tal-bażi tat-trasportatur Egypt Air li saret f'Ottubru 2009 u li wasslet biex jiġġedded l-AOC tat-trasportatur. Ir-rapporti tal-verifiki dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa, l-operat waqt it-titjira u l-operat ta' mal-art ma ntbagħtux. Id-dokumenti pprovduti juru li, filwaqt li t-trasportatur bl-ajru għamel progress sinifikanti, huwa mistenni li jkun hemm iktar titjib fl-oqsma tal-manutenzjoni, tal-inġinerija u tal-operat.

(18) L-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu ntrabtu wkoll li jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħrif dwar l-għeluq sodisfaċenti ta' sejbiet li kienu ħarġu qabel waqt spezzjonijiet fuq l-art tal-inġenji tal-ajru tat-trasportatur Egypt Air li kienu twettqu fl-2008 u fl-2009. Għal dak il-għan, huma indirizzaw il-korrispondenza rilevanti lil ċerti Stati Membri li fihom l-inġenji tal-ajru tat-trasportatur Egypt Air kienu suġġetti għal spezzjonijiet fuq l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sat-30 ta' Settembru 2009. Il-proċess biex jingħalqu dawn is-sejbiet għadu għaddej u għandu jiġi vverifikat b'mod regolari.

(19) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jagħraf l-isforzi li għamel it-trasportatur sabiex ilesti l-azzjonijiet meħtieġa biex titranġa l-qagħda tiegħu fil-qasam tas-sikurezza, kif ukoll ir-rieda qawwija ta' kooperazzjoni murija kemm mit-trasportatur kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu. Madanakollu, minħabba l-ambitu u l-firxa tal-pjan ta' azzjoni korrettiva u l-ħtieġa li jiġu pprovduti soluzzjonijiet sostenibbli għan-nuqqasijiet li kienu identifikati qabel fil-qasam tas-sikurezza, l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu ntalbu jkomplu jibagħtu rapporti ta' kull xahar dwar il-verifika tal-implimentazzjoni ta' dak il-pjan u dwar l-għeluq tas-sejbiet identifikati matul l-ispezzjonijiet tas-SAFA, flimkien ma' kwalunkwe rapporti oħra ta' verifiki li jwettqu fuq it-trasportatur Egypt Air.

---

(1) DGAC/F-2009-541, -798, LBA/D-2008-805, LBA/D-2009-8, -921, ENAC-IT-2008-602, -750, -648, ENAC-IT-2009-126, -198, -359, -374, -451, -597, -686, -730, DGCATR-2008-519, -347, DGCATR-2009-445, -559.

(2) ĠU L 175, 5.7.2007, p. 12.

(3) ĠU L 182, 15.7.2009, p. 4.

(20) Wara li jitlesta l-pjan ta' azzjoni korrettiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu għandhom iwettqu verifika aħħarija u jibagħtu r-riżultati lill-Kummissjoni, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni li jkunu għamlu. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tipproċedi bil-verifika tal-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi li jkun wettaq it-trasportatur bl-ajru permezz ta' żjara li għandha titwettaq mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni bl-għajnuna tal-Istati Membri. Sadanittant, l-Istati Membri għandhom ikomplu jiżguraw li l-għadd ta' spezzjonijiet tat-trasportatur Egypt Air jiġi intensifikat sabiex dawn jipprovdu l-bażi għal valutazzjoni mill-ġdid ta' dan il-każ matul il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li jmiss.

**Yemenia Yemen Airways**

(21) Skont ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2008 u 1131/2008 ([1]), l-Istati Membri komplew jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportatur Yemenia mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz ta' spezzjonijiet regolari fuq l-art tal-inġenji tal-ajru tiegħu li jinżlu f'ajruporti tal-Komunità. Fl-2009, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit irrappurtaw it-tali spezzjonijiet. Il-Kummissjoni rċeviet dokumentazzjoni li turi li t-trasportatur bl-ajru rreaġixxa b'mod xieraq u fil-ħin sabiex isolvi s-sejbiet li ħarġu minn dawn l-ispezzjonijiet.

(22) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 619/2009, il-Kummissjoni rċeviet iktar tagħrif mingħand l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Jemen kif ukoll mingħand it-trasportatur Yemenia Yemen Airways dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi fl-oqsma tal-manutenzjoni u tal-operat.

(23) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Jemen għarrfu lill-Kummissjoni dwar il-verifiki li wettqu fuq il-faċilitajiet tal-manutenzjoni tat-trasportatur Yemenia wara s-sospensjoni tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tiegħu bin-numru EASA.145.0177 bil-għan li tiġi vvalutata l-konformità tat-trasportatur Yemenia mal-istandard tal-Jemen bin-numru YCAR-145. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Jemen bagħtu pjan irrivedut ta' azzjoni korrettiva tat-trasportatur Yemenia li jġib id-data tal-15 ta' Settembru 2009, wara l-verifika tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li wettqet l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili u tal-Meteoroloġija (il-CAMA) skont ir-rekwiżiti nazzjonali (YCAR-145) u l-verifika ta' segwitu li l-CAMA wettqet fl-20 ta' Settembru 2009. Iż-żewġ dokumenti wrew li s-sejbiet kollha ngħalqu. Barra minn hekk, il-CAMA pprovdiet dokumentazzjoni individwali li tappoġġaha l-għeluq tas-sejbiet waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li saret fl-10 ta' Novembru 2009.

(24) Barra minn hekk, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tgħarraf dwar il-valutazzjoni pożittiva, f'dan l-istadju, mill-EASA u mill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi tat-trasportatur Yemenia sabiex dan jerġa' jikseb l-approvazzjoni Ewropea tiegħu tal-manutenzjoni.

(25) Qed jingħarfu l-isforzi li għamel it-trasportatur Yemenia sabiex jirranġa n-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza identifikati fid-diversi verifiki. Qed tiġi nnutata t-tlestija tal-pjan ta' azzjoni korrettiva fil-qasam tal-manutenzjoni min-naħa tat-trasportatur Yemenia hekk kif irrappurtat fil-valutazzjonijiet li l-CAMA wettqet f'dan il-qasam. L-EASA u l-Istati Membri se jorganizzaw żjara fuq il-post fil-Jemen mill-iktar fis possibbli sabiex tiġi vverifikata l-qagħda tat-trasportatur Yemenia fil-qasam tas-sikurezza bil-għan li tiġi evalwata l-konformità tiegħu, fil-verità, mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u sabiex tiġi evalwata l-ħila tal-CAMA li tiżgura s-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fil-Jemen.

(26) L-Istati Membri għandhom jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità tat-trasportatur Yemenia, fil-verità, mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fuq l-art li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-arju ta' dan it-trasportatur skont ir-Regolament (KE) Nru 351/2008. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru se jerġa' janalizza dan il-każ matul il-laqgħa tiegħu li jmiss.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(27) Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo għarrfet lill-Kummissjoni li qed tirtira l-liċenzji tal-operat tat-trasportaturi bl-ajru li ġejjin: Virunga Air Charter, Air Navette, Air Beni, Air Boyoma, Butembo Airlines, Sun Air services, Rwakabika Bushi Express, Aigle Aviation, Kivu Air, Comair, Free Airlines, Great Lake Business Company, Air Infini, Bel Glob Airlines, Safari Logistics, Tembo Air Services, Katanga Airways, Cargo Bull, Africa One, Malila Airlift, Transport Aérien Congolais (TRACO), El Sam Airlift, Thom's Airways, Piva Airlines, u Espace Aviation Service. Dawn it-trasportaturi bl-ajru ilhom li temmew l-attivitajiet tagħhom mit-30 ta' Lulju 2009.

(28) Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo għarrfu li rtiraw il-liċenzji tal-operat tat-trasportaturi bl-ajru li ġejjin, li l-Kummissjoni ma kinitx ġiet mgħarrfa minn qabel li kellhom liċenzja tal-operat: Air Fox, Trans Kasai Air, Wetrafa, Adala Airways, Executive Aviation, Flight Express, Katana Airways, Showa Air Cargo, Gloria Airways, Soft Trans Air, Lomami Aviation, Pegassus Aviation, African Trading and Transport, u Brooks Trading. Dawn it-trasportaturi bl-ajru ilhom li temmew l-attivitajiet tagħhom mit-30 ta' Lulju 2009.

(29) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportaturi bl-ajru msemmija hawn fuq, li għandhom liċenzja maħruġa mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, għandhom jitneħħew mill-Anness A.

([1]) ĠU L 197, 25.7.2008, p. 39 u ĠU L 306, 15.11.2008, p. 49.

### It-trasportaturi bl-ajru minn Ġibuti

(30) Hemm evidenza vverifikata tan-nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru lliċenzjati f'Ġibuti li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza, kif muri mir-riżultati tal-verifika ta' Ġibuti li l-ICAO wettqet f'Marzu 2008 fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza (l-USOAP). Din il-verifika rrappurtat għadd kbir ta' nuqqasijiet sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħila tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Ġibuti li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-ajru. Meta tlestiet il-verifika tal-ICAO, ma kinux implimentati aktar minn 96 % tal-istandards tal-ICAO.

(31) Hemm evidenza li l-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti mhumiex kapaċi biżżejjed li jirranġaw b'mod effettiv is-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità li sabet l-ICAO, kif jidher mill-fatt li fir-rapport finali tagħha ta' Frar 2009, l-ICAO tqis li parti sinifikanti ħafna mill-azzjonijiet korrettivi li dawn l-awtoritajiet ipproponew jew implimentaw fil-fatt ma jindirizzawx in-nuqqasijiet osservati. B'mod partikulari fil-qasam tal-operat tal-inġenji tal-ajru, iżjed minn żewġ terzi tal-azzjonijiet proposti minn Ġibuti ma tqisux li setgħu jiġu aċċettati bis-sħiħ mill-ICAO.

(32) Barra minn hekk, l-ICAO ħabbret tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza lill-istati kollha msieħba fil-Konvenzjoni ta' Ċikago sabiex tgħarrafhom li Ġibuti la kien stabbilixxa sistema affidabbli għas-sorveljanza tat-trasportaturi bl-ajru li l-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti kienu ħarġulhom Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) u lanqas ma kien stabbilixxa pjan ta' azzjoni aċċettabbli biex jirranġa din il-qagħda.

(33) Il-Kummissjoni, wara li qieset dan ta' hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tat-trasportaturi bl-ajru lliċenzjati f'dan l-istat u li fiha talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti sabiex iwieġbu għas-sejbiet u għall-osservazzjonijiet tal-ICAO dwar l-aċċettabbiltà tal-azzjonijiet korrettivi.

(34) L-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti (id-DACM) għarrfu lill-Kummissjoni li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mmirat sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-ICAO, u li kien hemm biss għadd limitat ta' sejbiet li tqiesu li ngħalqu. Id-DACM la taw dettalji dwar l-azzjonijiet li ttieħdu u lanqas ma taw evidenza dwar l-għeluq sodisfaċenti tas-sejbiet relatati. Id-DACM ma weġbux għall-osservazzjonijiet li għamlet l-ICAO dwar ir-rilevanza tal-34 azzjoni li hija qieset li ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw is-sejbiet.

(35) Id-DACM ikkonfermaw li ġraw żewġ inċidenti fatali fl-2002 u fl-2007, li kellhom x'jaqsmu ma' inġenji tal-ajru tat-tip Let 410 u Antonov 26. Madanakollu, huma ma tawx tagħrif dwar l-investigazzjonijiet tal-inċidenti tal-inġenji tal-ajru u lanqas dwar l-azzjonijiet tagħhom sabiex jiġi indirizzat dak li kkaġuna dawn l-inċidenti.

(36) Id-DACM għarrfu lill-Kummissjoni li huma ħassru l-AOC tat-trasportatur Djibouti Airlines fit-30 ta' Lulju 2009 u li f'dik id-data l-linja tal-ajru kienet diġà waqqfet l-attivitajiet tagħha. Huma għarrfu wkoll li ħassru l-AOC tat-trasportatur Daallo Airlines fil-15 ta' Settembru. Madanakollu, t-trasportatur Daallo Airlines għad għandu liċenzja tal-operat u juża inġenji tal-ajru tat-tip DC9 irreġistrati fil-Komoros, inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 24 irreġistrati fl-Armenja, u inġenji tal-ajru tat-tip Ilyushin 18 irreġistrati fil-Każakstan. Ma ngħatatx l-identità ta' min iħaddem verament dawn l-inġenji tal-ajru. L-awtoritajiet kompetenti ta' Ġibuti ma wrewx li huma jinsabu f'qagħda li jwettqu b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati f'Ġibuti.

(37) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati f'Ġibuti għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

### It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Kongo

(38) F'Novembru tal-2008 l-ICAO wettqet verifika tal-USOAP fir-Repubblika tal-Kongo. Is-sejba li ġejja wasslet għal tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza: "*L-ANAC (l-Aġenzija Nazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili) ħarġet għadd ta' ċertifikati ta' operaturi tal-ajru (AOCs) mingħajr ma l-ewwel stabbiliet u implimentat proċess għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-operaturi tal-ajru. B'hekk, dawn l-AOCs inħarġu mingħajr ma l-ANAC kienet żgurat li l-operaturi kienu konformi mal-Istandards mogħtija fl-Anness 6 għall-Konvenzjoni ta' Ċikago jew mad-dispożizzjonijiet tad-Dokument nru 8335 tal-ICAO. Barra minn hekk, hemm operaturi li qegħdin jaħdmu b'liċenzja provviżorja tal-operat u mingħajr AOC*". Dan it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza għadu fis-seħħ.

(39) Matul din il-verifika tal-ICAO, ħarġu 63 sejba li juru n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Wara dan, ir-Repubblika tal-Kongo ressqet pjan ta' azzjonijiet korrettivi. Madanakollu, l-ICAO m'aċċettatx iżjed minn terz tal-azzjonijiet korrettivi proposti.

(40) Fis-26 ta' Awwissu 2009, ajruplan tal-merkanzija mħaddem mit-trasportatur bl-ajru Aero Fret Business iċċertifikat fir-Repubblika tal-Kongo kien involut f'inċident qrib l-ajruport ta' Brazzaville, li fih mietu s-sitt passiġġieri kollha. Bħala l-Istat fejn seħħ l-inċident, ir-Repubblika tal-Kongo hija responsabbli għall-investigazzjoni tas-sikurezza li trid titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness 13 għall-Konvenzjoni ta' Ċikago sabiex jiġi identifikat dak li kkaġuna l-inċident u jiġi evitat li jerġa' jseħħ inċident simili. Madanakollu, il-verifika tal-ICAO identifikat ukoll ħdax-il nuqqas fil-qasam tal-investigazzjoni tal-inċidenti fir-Repubblika tal-Kongo, li minnhom sitt azzjonijiet korrettivi proposti ma tqisux li kienu sodisfaċenti.

(41) Waqt żewġ laqgħat li saru fi Brussell, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo għarrfu lill-Kummissjoni li kien beħsiebhom jipproċedu għaċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' tliet operaturi bl-għajnuna tal-esperti tal-ICAO. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet bagħtu d-deċiżjonijiet tagħhom tal-15 ta' Ottubru 2009, li permezz tagħhom l-operaturi Aero-Service, Equaflight Services, Société Nouvelle Air Congo u Trans Air Congo ngħataw Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru għal sena. Fl-istess data, l-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo għarrfet lill-kumpaniji Aero Fret Business, Canadian Airways, Congo Airways (WAC), Emeraude, Equajet, Heli-Union Congo, Mani Air Fret, Mistral Aviation u Protocole Aviation li l-AOCs tagħhom kienu ġew irtirati sakemm tiġi eżaminata d-dokumentazzjoni neċessarja meħtieġa sabiex jinkiseb AOC ġdid. Barra minn hekk, ġew irtirati ċ-Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru tal-kumpaniji li ġejjin: Air Cargo International, BIP Congo, Brazza Airways, Clesh Aviation, Finalair, Heavy Lift Congo, Ligne Aérienne Colombe, Locair Craft, Maouene, Natalco Airlines u United Express Service. Madanakollu, dawn l-awtoritajiet la wrew li l-proċess ta' ċertifikazzjoni segwit għall-ħruġ ta' kwalunkwe AOC huwa konformi mal-istandards rilevanti tal-ICAO u lanqas li s-sorveljanza tat-trasportaturi bl-ajru li nħarġilhom AOC minnhom qed titwettaq f'konformità ma' dawn l-istandards.

(42) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo ressqu kummenti bil-miktub lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-miżuri meħudin sabiex jiġi solvut it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza li qajmet l-ICAO kif ukoll biex jiġu solvuti n-nuqqasijiet l-oħrajn tal-konformità mniżżlin fir-rapport tal-verifika tal-USOAP li wettqet l-ICAO. Il-Kummissjoni tinnota l-miżuri kollha li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo ħadu sal-lum u tħeġġiġhom biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jimplimentaw azzjonijiet korrettivi sostenibbli. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib, flimkien mal-ICAO, kwalunkwe żvilupp fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili fir-Repubblika tal-Kongo, u hija lesta toffri għajnuna teknika bil-għan li tittejjeb il-ħila amministrattiva u teknika tal-awtorità responsabbli għas-sorveljanza f'dan il-pajjiż.

(43) Madanakollu, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo ma wrewx li għandhom biżżejjed ħila jimplimentaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza. Għalhekk, u sakemm jiġu solvuti b'mod sostenibbli n-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards internazzjonali, inkluż it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika tal-Kongo għandhom ikunu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru minn Sao Tome u Prinċipe**

(44) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur Executive Jet Services, iċċertifikat f'Sao Tome u Prinċipe. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Belġju u minn Franza waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqin bħala parti mill-programm SAFA ([1]). It-trasportatur Executive Jet Services ma weġibx b'mod xieraq u ma wriex li dawn in-nuqqasijiet tranġaw b'suċċess u b'mod sostenibbli.

(45) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur STP Airways, iċċertifikat f'Sao Tome u Prinċipe. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza u mir-Renju Unit waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqin bħala parti mill-programm SAFA ([2]). Madanakollu, it-trasportatur STP Airways wieġeb kif xieraq u fil-ħin għat-talba mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu.

(46) Hemm evidenza li xi trasportaturi bl-ajru li dal-ħin huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità Ewropea ċaqalqu parti mill-attivitajiet tagħhom lejn Sao Tome u Prinċipe.

(47) B'mod partikulari, hemm evidenza vverifikata li turi li t-trasportatur bl-ajru Hewa Bora Airways, iċċertifikat fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li dal-ħin huwa suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità, għadu qed juża, skont ftehim ta' twellija lura ("lease-back"), l-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing 767 bin-numru tas-serje 23178, li tneħħa mir-reġistru tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u ġie rreġistrat f'Sao Tome u Prinċipe bil-marka tar-reġistrazzjoni S9-TOP ([3]).

(48) Barra minn hekk, it-trasportatur bl-ajru Africa's Connection juża l-inġenju tal-ajru tat-tip Dornier 228 bin-numru tas-serje 8068 irreġistrat f'Sao Tome u Prinċipe bil-marka tar-reġistrazzjoni S9-RAS, inġenju tal-ajru li qabel kien irreġistrat fil-Gabon u li kien jitħaddem mit-trasportatur SCD Aviation li huwa ċċertifikat fil-Gabon, u li dal-ħin huwa suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità.

(49) Barra minn hekk, hemm evidenza vverifikata li t-trasportatur bl-ajru British Gulf International iċċertifikat f'Sao Tome huwa l-istess trasportatur British Gulf International li qabel kien iċċertifikat fil-Kirgiżtan u li kien suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat f'Ottubru 2006 ([4]). It-trasportatur British Gulf International qed ikompli juża wkoll inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 12 u bin-numru tas-serje 401901. Inġenju tal-ajru ta' dan it-tip imħaddem mit-trasportatur bl-ajru kien involut f'inċident f'Al Habniaya (fl-Iraq) fit-13 ta' Novembru 2008, li wassal biex l-inġenju tal-ajru ġie distrutt kompletament u biex sitt persuni tilfu ħajjithom.

(50) Il-Kummissjoni, wara li qieset is-sitwazzjoni msemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Sao Tome u Prinċipe, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tat-trasportaturi Executive Jet Services u STP Airways, kif ukoll dwar iċ-ċaqliq ta' inġenji tal-ajru wżati minn trasportaturi bl-ajru li dal-ħin huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità lejn ir-reġistru ta' Sao Tome, u li fiha talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwieġbu għal dan it-tħassib.

([1]) BCAA-2009-122, DGAC/F-2009-2112, DGAC/F-2009-2113.
([2]) CAA-UK-2009-126, DGAC/F-2009-137, DGAC/F-2009-257, DGAC/F-2009-779, DGAC/F-2009-1776.
([3]) BCAA-2009-122, DGAC/F-2009-2112, DGAC/F-2009-2113.
([4]) ĠU L 283, 14.10.2006, p. 28.

(51) L-awtoritajiet kompetenti ta' Sao Tome (l-INAC) għarrfu lill-Kummissjoni li, matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportatur Executive Jet Services, huma ddeċidew, fis-26 ta' Ottubru 2009, li jwaqqfu b'mod provviżorju l-operat tal-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing 767 bin-numru tas-serje 23178 u bil-marka tar-reġistrazzjoni S9-TOP imħaddem minn dan it-trasportatur.

(52) It-trasportatur bl-ajru Executive Jet Services talab li jagħmel preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u rrapporta dwar l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet innutati mill-programm tas-SAFA.

(53) L-INAC għarrfu lill-Kummissjoni li, matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportatur STP Airways, huma ddeċidew, fis-26 ta' Ottubru, li jwaqqfu l-operat ta' żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 767, wieħed bin-numru tas-serje 25411 (b'marka tar-reġistrazzjoni mhix magħrufa) u l-ieħor bin-numru tas-serje 26208 (bil-marka tar-reġistrazzjoni S9-DBY), li wara tneħħew mir-reġistru. L-INAC irrappurtaw li għalkemm it-trasportatur STP Airways għandu AOC validu, m'hemm l-ebda inġenju tal-ajru fuq dan iċ-ċertifikat dal-ħin.

(54) It-trasportatur bl-ajru STP Airways talab li jagħmel preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u rrapporta dwar l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet innutati mill-programm tas-SAFA. Huwa kkonferma li m'hu qed jitħaddem l-ebda inġenju tal-ajru iktar u li beħsiebu jitlob biex l-AOC tiegħu jitwaqqaf.

(55) L-INAC għarrfu li ħarġu tlettax-il AOC, li tlieta minnhom qalu li kienu mwaqqfin jew irrevokati. Madanakollu, l-INAC naqsu milli jipprovdu evidenza dwar it-twaqqif jew ir-revoka taċ-ċertifikati tat-trasportaturi bl-ajru Sky Wind, Styron Trading u Jet Line.

(56) Id-dokumentazzjoni li ressqu l-INAC turi li iktar minn nofs it-trasportaturi bl-ajru li għandhom AOC validu maħruġ minn dawn l-awtoritajiet għandhom il-post ewlieni tan-negozju tagħhom 'il barra minn Sao Tome u Prinċipe. B'mod partikulari, it-trsaportaturi British Gulf International Company Ltd, Global Aviation Operation, Goliaf Air, Transafrik International Ltd, Transcargo u Transliz Aviation m'għandhomx il-post ewlieni tan-negozju tagħhom f'Sao Tome, kif muri mit-tweġiba tagħhom għat-talba tal-Kummissjoni kif ukoll mill-indirizzi msemmijin fuq l-AOCs rispettivi tagħhom.

(57) L-INAC ma wrewx li huma jwettqu l-obbligi tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati f'Sao Tome u Prinċipe f'konformità mar-rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza, minħabba li parti sostanzjali minn dawn it-trasportaturi m'humiex qed jaħdmu b'mod regolari f'Sao Tome u li l-INAC stqarrew li huma jiddependu, b'mod parzjali, fuq is-sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati li fihom jitwettaq l-operat fil-verità. Madanakollu, l-INAC naqsu milli jipprovdu ftehimiet xierqa ma' dawn l-awtoritajiet.

(58) Barra minn hekk, analiżi tal-AOCs maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti ta' Sao Tome u Prinċipe wriet nuqqasijiet sinifikanti ta' konsistenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-flotot imħaddmin, mal-approvazzjoni għall-ġarr ta' prodotti perikolużi, u mal-awtorizzazzjoni għall-operat f'viżibbiltà baxxa, li ma setgħux jiġu ċċarati matul il-konsultazzjonijiet.

(59) Hemm evidenza ta' rata għolja ta' inċidenti li qed jaffettwaw trasportaturi bl-ajru ċċertifikati f'Sao Tome u Prinċipe. L-INAC ikkonfermaw li kien hemm erba' inċidenti fatali b'inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 12, Ilyushin 76 u DHC 6 imħaddmin minn trasportaturi bl-ajru rreġistrati f'Sao Tome u Prinċipe. Bi tweġiba għal din is-sitwazzjoni, l-INAC indikaw li, fil-21 ta' Frar 2009, huma ddeċidew li jwaqqfu l-operat kollu tal-inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 12 irreġistrati f'Sao Tome u Prinċipe. Madanakollu, l-INAC ikkonfermaw li t-trasportaturi bl-ajru British Gulf International, Transliz Aviation u Goliaf Air, iċċertifikati f'Sao Tome u Prinċipe, għadhom qed iħaddmu nġenji tal-ajru ta' dan it-tip.

(60) Hemm evidenza li l-awtoritajiet kompetenti ta' Sao Tome u Prinċipe ma jridux juru li huma konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, kif muri mill-fatt li Sao Tome u Prinċipe ppospona b'mod kontinwu l-verifika tiegħu mill-ICAO fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza (l-USOAP). Il-verifika tal-ICAO li kellha ssir f'Mejju 2007u mbagħad f'April 2008 ma setgħetx issir f'dawk id-dati.

(61) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati f'Sao Tome u Prinċipe ma jissodisfawx l-istandards rilevanti tas-sikurezza u għaldaqstant għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina**

*Ukraine Cargo Airways*

(62) Fit-22 ta' Settembru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina għarrfu lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom Nru 574 tas-17 ta' Awwissu 2009 li jtemmu l-operat tat-trasportatur Ukraine Cargo Airways skont l-AOC tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 bin-numru 145, b'effett mid-data tad-deċiżjoni. Waqt il-preżentazzjoni tagħhom quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tal-11 ta' Novembru 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina kkonfermaw li "l-kumpanija Ukraine Cargo Airways ma tagħmilx parti mil-linji tal-ajru rreġistrati fl-Ukraina".

(63) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, it-trasportatur Ukraine Cargo Airways għandu jitneħħa mill-Anness A.

*Volare*

(64) Fil-31 ta' Lulju 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina għarrfu lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom Nru 357 tal-25 ta' Mejju 2009 li jirrevokaw b'effett immedjat l-AOC tat-trasportatur bl-ajru tal-Ukraina Volare.

(65) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, it-trasportatur bl-ajru Volare għandu jitneħħa mill-Anness A.

*Motor Sich*

(66) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 619/2009, fis-27 ta' Ottubru 2009, tim ta' esperti mill-KE, immexxi mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, żar lit-trasportatur bl-ajru tal-Ukraina Motor Sich (MSI) biex jivverifika l-istat tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi u l-għeluq effettiv tan-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li kienu nnutati qabel, bil-għan li dawn in-nuqqasijiet jiġu solvuti b'mod sostenibbli.

(67) Fir-rapport taż-żjara tat-tim intqal li t-trasportatur MSI wera li għamel analiżi tal-kawżi ewlenin tas-sejbiet identifikati waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA. Jidher li l-analiżi tal-kawżi ewlenin kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjonijiet korrettivi li ħarġu minnha qed jindirizzaw is-sejbiet b'mod xieraq. Matul iż-żjara, it-trasportatur MSI stqarr li s-sejbiet li tqajmu qabel mis-SAFA dwar il-flotta tiegħu tal-inġenji tal-ajru kollha kienu ġew indirizzati u rranġati, inklużi s-sistema tat-twissija għall-viċinanza tal-art (l-EGPWS), iċ-ċinturini tas-sikurezza tas-sits tal-kabina tal-ekwipaġġ, u x-xbieki biex iżommu l-merkanzija f'postha. Barra minn hekk, intqal ukoll li ġew stabbiliti ċ-ċarts għall-kalkolu tal-prestazzjoni waqt it-tluq għat-tipi kollha ta' inġenji tal-ajru u għar-"runways" kollha wżati. Wara spezzjoni fiżika u/jew analiżi tad-dokumenti, it-tim immexxi mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni huwa sodisfatt li: (a) is-sits tal-kabini tal-ekwipaġġ tal-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12, AN-72 u YAK-40 ġew mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza; (b) l-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 ġew mgħammra b'maskri tal-ossiġnu li jintlibsu malajr (meta saret iż-żjara, kienet qed issir l-istallazzjoni fuq l-inġenju tal-ajru UR-11316 u t-tim analizza din l-istallazzjoni); (c) l-EGPWS ġiet stallata fuq l-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 u AN-140; (d) ġew stabbiliti ċ-ċarts tal-prestazzjoni waqt it-tluq għar-"runways" kollha li qed jintużaw dal-ħin għall-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 u YAK-40. Waqt il-preżentazzjoni tagħhom quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina kkonfermaw li t-trasportatur għandu l-ħila japplika s-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità u ntrabtu li jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifika li għandha titwettaq dwar din il-kwistjoni.

(68) F'dak li għandu x'jaqsam mal-operat waqt it-titjira, matul iż-żjara, t-tim ħa kampjuni tal-Listi tat-tagħmir minimu (l-MELs), tal-manwali tal-operazzjonijiet, tal-iskeda tal-limiti tal-ħinijiet tat-titjiriet, id-dokumenti u l-proċeduri tal-kontroll tal-operat u tal-bgħit tat-titjiriet, u ħa kampjuni tal-fowlders tat-titjira rritornati u lesti. Ma ġew innutati l-ebda differenzi mill-istandards tal-ICAO. Barra minn hekk, matul iż-żjara, it-trasportatur MSI wera lit-tim li huwa jwettaq analiżi tad-dejta dwar it-titjiriet irreġistrata għat-titjiriet kollha mwettqin b'kull inġenju tal-ajru li huwa jħaddem.

(69) It-trasportatur bl-ajru talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u, fil-11 ta' Novembru 2009, għamel preżentazzjonijiet li fihom ressaq tagħrif bil-miktub li jappoġġa l-azzjonijiet korrettivi implimentati sabiex jiġu solvuti n-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li kienu nnutati qabel.

(70) Wara l-preżentazzjonijiet li saru fil-11 ta' Novembru 2009 mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina u mit-trasportatur bl-ajru, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru talab lill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tipprovdi d-dokumentazzjoni li ġejja sabiex ikun jista' jiddeċiedi jekk it-tneħħija tat-trasportatur Motor Sich kinetx iġġustifikata f'dan l-istadju: (a) il-verifika tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità tat-trasportatur bl-ajru; (b) konferma li l-inġenji tal-ajru kollha tat-trasportatur Motor Sich użati għal titjiriet internazzjonali huma mgħammra f'konformità mal-istandards tal-ICAO, b'mod partikulari: (i) biċ-ċinturini tas-sikurezza fis-sits tal-kabini tal-ekwipaġġ tal-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12, AN-72 u YAK-40; (ii) b'maskri tal-ossiġnu li jintlibsu malajr fil-kabini tal-ekwipaġġ tal-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12; (iii) bl-EGPWS fuq l-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 u AN-140; (c) konferma li d-dejta dwar il-prestazzjoni waqt it-tluq għar-"runways" kollha li qed jintużaw dal-ħin mit-trasportatur Motor Sich għall-inġenji tal-ajru tat-tip AN-12 u YAK-40 hija disponibbli fil-manwal tal-operazzjonijiet tat-trasportatur; (d) evidenza li t-38 sejba mqajma mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina matul l-2009 waqt l-attivitajiet tagħha ta' sorveljanza fuq it-trasportatur ġew solvuti b'mod sodisfaċenti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ressqu dan it-tagħrif fis-16 ta' Novembru.

(71) Wara li wasal it-tagħrif mitlub mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportatur Motor Sich għandu jitneħħa mill-Anness A.

*UMAir*

(72) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 619/2009, fit-28 ta' Ottubru 2009, tim ta' esperti mill-KE żar lit-trasportatur bl-ajru tal-Ukraina UMAir biex jivverifika l-istat tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi u l-għeluq effettiv tan-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li kienu nnutati qabel, bil-għan li dawn in-nuqqasijiet jiġu solvuti b'mod sostenibbli.

(73) Waqt iż-żjara, it-tim ingħata pjan ta' azzjonijiet korrettivi aġġornat li wera li l-maniġer tal-kwalità tagħhom kien lesta analiżi tal-azzjonijiet korrettivi li kienu implimentaw. Madanakollu, l-verifika tal-istat tas-sejbiet li qajjem tim ta' esperti mill-KE waqt żjara lil dan it-trasportatur bl-ajru fit-28 ta' Mejju 2009 wriet li, filwaqt li kienu saru sforzi sinifikanti minn meta saret dik iż-żjara 'l hawn sabiex is-sejbiet li tqajmu jkunu indirizzati b'mod xieraq, ċerti sejbiet li jaffettwaw is-sikurezza tat-titjiriet (il-monitoraġġ tad-dejta dwar it-titjiriet għal inġenji tal-ajru tat-tip DC-9) u l-ajrunavigabbiltà kontinwa, l-manutenzjoni u l-inġinerija (il-programm tal-monitoraġġ tal-kundizzjoni tal-magna għadu ma bediex jintuża għal inġenji tal-ajru tat-tip DC-9 u MD-80) għadhom ma jistgħux jitqiesu bħala magħluqa. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat waqt it-titjira, tqajmet sejba ġdida minħabba differenza li ġiet innutata fil-Lista approvata tat-tagħmir minimu (l-MEL) tal-inġenji tal-ajru tat-tip DC-9.

(74) Matul il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tal-11 ta' Novembru 2009, it-trasportatur UMAir stqarr li kien talab li l-AOC tiegħu jkun ristrett sabiex jiġu esklużi t-titjiriet lejn il-Komunità b'inġenji tal-ajru tat-tip DC-9. Fil-11 ta' Novembru 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ħarġulu AOC ġdid li kien jeskludi t-titjiriet lejn l-UE b'inġenji tal-ajru ta' dan it-tip.

(75) Qed jiġu nnutati t-titjib li għamel it-trasportatur bl-ajru UMAir fil-perjodu miż-żjara tal-esperti tal-KE f'Mejju 2009 u r-restrizzjonijiet imposti fuq l-AOC tiegħu. Minħabba l-isforzi sinifikanti li t-trasportatur bl-ajru għamel sabiex tkun żgurata s-sikurezza tal-operat f'konformità mal-istandards internazzjonali, għandu jitħalla jerġa' jibda l-operat tiegħu lejn il-Komunità b'parti mill-flotta tiegħu.

(76) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, it-trasportatur UMAir għandu jitressaq mill-Anness A għall-Anness B u b'hekk għandu jitħalla jkompli l-operat tiegħu lejn il-Komunità bl-inġenju tal-ajru tat-tip MD-83 bil-marka tar-reġistrazzjoni UR-CFF.

*Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina*

(77) Kif ipprovdut fir-Regolament (KE) Nru 619/2009, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-diversi miżuri ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fl-1 ta' Lulju 2009. Għal dak il-għan, bejn is-26 u d-29 ta' Ottubru, esperti mill-KE żaru lill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina. L-għan ta' din iż-żjara kien li jiġi vverifikat l-istat tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi proposti sabiex jingħalqu s-sejbiet li kienu ħarġu mir-rapport taż-żjara tal-esperti tal-KE li kienet saret bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2009 kif ukoll dawk ippreżentati fil-pjan ta' azzjonijiet korrettivi ppreżentat mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina fit-23 ta' Ġunju sabiex tittejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru taħt il-kontroll regolatorju tagħha.

(78) Ir-rapport taż-żjara indika li 14 mit-33 sejba li kienu ħarġu matul iż-żjara li saret f'Mejju 2009 jistgħu jitqiesu magħluqa abbażi tal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina matul iż-żjara. 19-il sejba għadhom miftuħin.

(79) Qed jiġi nnutat it-titjib li għamlu l-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu minn meta saret iż-żjara f'Mejju 2009 'l hawn u b'mod partikulari taż-żieda fl-attivitajiet ta' sorveljanza tat-trasportaturi bl-ajru tal-Ukraina, kif ukoll it-tneħħija ta' għadd sinifikanti ta' inġenji tal-ajru mir-reġistru Ukrain (aktar minn 800 inġenju tal-ajru mill-1 600 inġenju tal-ajru li kien hemm fl-2008). L-awtoritajiet huma mistiedna jżidu aktar l-isforzi tagħhom sabiex isaħħu s-sorveljanza tagħhom tas-sikurezza.

**Ariana Afghan Airlines**

(80) Abbażi tad-dokumentazzjoni mressqa mit-trasportatur, il-Kummissjoni nnutat li t-trasportatur Ariana Afghan Airlines kien wettaq tibdil fl-amministrazzjoni, kien qabbad esperti esterni sabiex igħinuh fit-tfassil mill-ġdid tal-politiki, tal-proċeduri u tal-manwali tiegħu, u kien xtara żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Airbus A310 u kien qed jiġi megħjun fl-operat tiegħu mill-kumpanija Turkish Technic. Innutat ukoll l-intenzjoni tat-trasportatur li jiġi suġġett għal verifika mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru.

(81) Il-Ministeru Afgan tat-Trasport u l-Avjazzjoni Ċivili (il-MoTCA) kiteb u spjega l-progress li sar kemm mill-MoTCA u kif ukoll mit-trasportatur Ariana lejn l-ilħiq tal-istandards internazzjonali. Ikkonferma li t-trasportatur Ariana Afghan Airlines wettaq tibdiliet sinifikanti fit-tagħmir tal-inġenji tal-ajru, fil-ġestjoni u fid-dokumentazzjoni, iżda kkonferma li għad trid titwettaq verifika tal-operatur, għalkemm kien hemm waħda li kienet ippjanata li titlesta sal-aħħar tal-2009. Għalhekk il-MoTCA għadu mhux qiegħed f'pożizzjoni li jikkonferma li t-trasportatur Ariana Afghan Airlines huwa konformi mal-istandards tal-ICAO u li implimenta sistema effettiva għall-ġestjoni tas-sikurezza. Għalkemm il-MoTCA stqarr li matul din is-sena twettqu diversi attivitajiet ta' sorveljanza (per eż. spezzjonijiet tat-titjiriet u tal-bażijiet), ma pprovdiex evidenza dwar ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet.

(82) Il-Kummissjoni tinnota l-progress li qed jagħmel it-trasportatur Ariana Afghan Airlines biex ikun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Madanakollu, sakemm tiġi pprovduta evidenza addizzjonali li t-trasportatur bl-ajru indirizza l-kawżi ewlenin tan-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li kienu identifikati qabel, qed jitqies, abbażi tal-kriterji komuni, li t-trasportatur bl-ajru għandu jibqa' fl-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Angola**

*TAAG Angolan Airlines*

(83) Minn Lulju 2009 'l hawn, it-trasportatur TAAG Angolan Airlines kellu permess jopera fil-Portugall biss bl-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777-200 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TED, D2-TEE u D2-TEF bil-kundizzjonijiet mogħtija fil-premessi (58) u (59) tar-Regolament (KE) Nru 619/2009 [1].

(84) Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Angola (l-INAVIC) jipprovdulha tagħrif dwar is-sorveljanza tat-trasportatur bl-ajru TAAG Angolan Airlines, b'mod partikulari fir-rigward taż-żieda fis-sorveljanza tat-titjiriet lejn il-Portugall u dwar ir-riżultati tagħhom.

(85) L-INAVIC għarrfu lill-Kummissjoni li saħħew is-sorveljanza kontinwa tat-trasportatur TAAG Angolan Airlines, b'mod partikulari permezz ta' spezzjonijiet fuq l-art, u li r-riżultati ta' dawk l-ispezzjonijiet fuq l-art ma jurux nuqqasijiet fis-sikurezza jew nuqqasijiet ripetittivi.

(86) It-trasportatur TAAG Angolan Airlines talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel preżentazzjonijiet fl-10 ta' Novembru 2009, bil-ħsieb li jipprovdi tagħrif dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tiegħu u dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operat tiegħu lejn Liżbona. Kien innutat li twettqu aktar minn 100 titjira b'inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777 lejn Liżbona mingħajr tħassib dwar is-sikurezza u li t-trasportatur TAAG ġie ċċertifikat fit-23 ta' Ottubru 2009 mill-INAVIC biex iwettaq operat skont l-ETOPS 120 min bil-Boeing 777. It-trasportatur bl-ajru talab ukoll biex il-flotta tal-B737-700 tiegħu tgawdi wkoll mill-istess dispożizzjonijiet bħall-flotta B777.

(87) L-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall ikkonfermaw li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fuq l-art tat-trasportatur TAAG Angolan Airlines li wettqu kemm ilu li reġa' beda jopera lejn Liżbona ma żvelawx nuqqasijiet fis-sikurezza jew nuqqasijiet ripetittivi.

(88) Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, qed jitqies li t-trasportatur TAAG għandu jibqa' fl-Anness B bil-kundizzjoni li ma jwettaqx iktar minn għaxar titjiriet fil-ġimgħa bl-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B-777 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TED, D2-TEE u D2-TEF jew bl-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B-737-700 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TBF, D2-TBG, D2-TBH u D2-TBJ minn Luanda lejn Liżbona. Dawn it-titjiriet għandhom jiġu operati biss wara li l-awtoritajiet tal-Angola jkunu wettqu spezzjonijiet fuq l-art tal-inġenji tal-ajru qabel kull titjira li titlaq mill-Angola u wara li l-awtoritajiet Portugiżi jkunu wettqu spezzjonijiet fuq l-art tal-inġenji tal-ajru fil-Portugall. Din hija miżura temporanja u l-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni abbażi tat-tagħrif kollu disponibbli u, b'mod partikulari abbażi ta' evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall.

*Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Angola*

